MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2003

Avviz Numru. 1514/1999/1

**Middle Sea Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Raymond Vella & Co. Ltd. abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi u l-istess Raymond Vella & Company Ltd.**

**Vs**

**John Ciappara**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici nomine et talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta' attrici nomine et is-somma ta' Lm748.43,0 (seba' mija u tmienja u erbghin lira u tlieta u erbghin centezmi) jew somma verjuri, li minnhom Lm723.43 huma pagabbli lis-socjeta' attrici Middle Sea

Insurance plc u filwaqt illi Lm25.00 pagabbli lill-atturi l-ohra Raymond Vella & Co Ltd, bhala excess, rappresentanti d-danni sofferti mill-attur b'risultat tal-kollizjoni li grat bejn il-vetturi FAS 434 u RVC 500, fid-29 ta' Mejju 1998, fiz-Zurrieq, stante li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident inkwistjoni minhabba traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-konvenut.

Bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-avviz u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-konsult ammontanti ghal Lm10, tal-ittra legali tal-11 ta' Ottubru 1998, u tal-ittra ufficjali presentata mal-avviz kontra l-assigurazzjoni tal-konvenut, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (a fol 4 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-atturi stante li l-incident awtomobilistiku ma sehhx tort tal-eccipjenti izda unikament tort ta' Jesmond Sammut, is-sewwieq awtorizzat mill-attur Raymond Vella & Company Limited, minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess Jesmond Sammut hekk kif ser jirrizuta waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk id-danni ghandhom jigu sopportati mill-atturi;

2. Salv eccezzjonjiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi a fol 28 tal-atti jinsab <u>l-iskizz</u> relattiv ghal dan l-incident esebit in atti minn <u>PS 570 Joseph Cilia</u> (fol 15 u 23 tal-atti) li esebixxa ukoll kopja tar-<u>rapport</u> li jinsab a fol 17 ibid. Mill-istess skizz, li ma jidhirx li gie kontestat mill-artijiet involuti fl-istess incident, wiehed jista' jara kif il-vetturi involuti spiccaw wara l-istess habta. Oltre li jigi kontestat

li, fil-vicinanzi, kien hemm, parkeggjat “truck” bin-numru GAL 329.

Ikkunsidrat

Illi Jesmond Sammut (fol 24 u 25 ibid) spjega li hu kien qed jsuq il-van tal-marka “Ford Escort” numru RVC 500, appartenenti lis-socjeta assikurata ta’ dik attrici. Hu kien qed jsuq f’Triq Santa Faustina sabiex johrog ghal triq it-Torri. Il-gewwa mit-Triq principali ossija Triq it-Torri, hemm sinjal ta’ “stop” kif muri fuq l-istess skizz waqt li fuq ix-xellug tieghu, kien hemm hajt tas-sejjiegh aktar gholi minn karozza, kif hareg minn fuq l-imsemmi sinjal, b’velocita’ mnaqqsa, u kien qed jdur, presumibilment, lejn ix-xellug tieghu, hu kien rinfaccajt b’vettura ohra “fuq in-naha tieghi”.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 38 u 39 ibid) xehed li kien qed isuq “van” tal-marka “Marina” numru FAS 434 f’Triq it-Torri. Kif wasal vicin it-triq laterali msemmija hawn fuq, hu kien ra xi zewg metri il-boghod l-karozza misjuqa minn Jesmond Sammut, waqt li din kienet hierga mill-istess triq laterali minghajr ma tieqaf fejn hemm is-sinjal ta’ “stop”. Hawnhekk pero’, hu semma li, fl-istess triq principali kif muri fuq l-istess skizz, kien hemm fuq ix-xellug tieghu, “truck” kbir parkeggat, u minhabba dan “jiena ghafast xi ftit … lejn in-naha tal-lemin tieghu …..Meta …. kont xi ftit il-boghod mit-“truck” li semmejt”.

Ikkunsidrat

Illi ghandu jigi notat li jidher evidenti illi l-konvenut meta ra t-“truck”, ghamel il-manuvra deskritta minnu stess u dar lejn il-lemin tieghu meta kien ghadu boghod mill-istess “truck”. Sabiex jesegwixxi din il-manuvra, jidher li hu gibed lejn il-lemin prematurament u qabel il-waqt meta kien ghadu certa distanza mill-istess truck. Inoltre u bhala konsegwenza, jidher li saq fuq “the improper side of the road” f’triq fejn it-traffiku jista’ jsuq fuq zewg nahat fid-direzzjoni opposta. (“two way”). Minhabba hekk, hu

rrinfaccja lil Jesmond Sammut, b'emergenza subitanea. Dwar il-konvenut, hu minnu li kien hiereg minn triq laterali lejn ix-xellug tieghu u fil-maggor parti tal-kazijiet, ir-responsabilta' tal-incident ghandha tigi akkolata lilu minhabba hrug minghajr id-debita kawtela. Pero, f'dan il-kaz, jidher li l-konvenut ghandu jigi ritenut unikament responsabbli minhabba li dan esegwixxa l-manuvra hawn fuq deskritta b'mod negligenti minhabba dak li inghad aktar il-fuq.

Ikkunsidrat

Illi l-ammont u l-'quantum' ta' danni pretiz li jinkludi l-'excess' msemmi fl-avviz ma giex kontestat (ara x-xhieda ta' Shaun Mifsud a fol 26 et seq ibid u d-dokumenti esebiti minnu a fol 29 sa fol 34 ibid).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghal dan l-incident minhabba traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut;

2. tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm748.43,0 u;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' Lm723.43,0 u lil "Raymond Vella and Company Limited" is-somma ta' Lm25 bl-imghax legali mill-25 ta' Ottubru 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi Lm10 bhala konsult kif ukoll dawk tal-ittra legali tal-11 ta' Ottubru 1998 u ta' dik ufficjali tad-19 ta' Ottubru 1999 imsemmija fl-istess avviz.

--------------------------------TMIEM--------------------------------